KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fis-26 ta' Marzu 2015 [1]

Kawża C-63/14

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Ir-Repubblika Franċiża

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Għajnuna mill-Istat — Obbligu ta' rkupru — Kumpens għal delega ta' servizz pubbliku"

I – **Introduzzjoni**

1. Din il-kawża hija waħda minn lista twila ta' kawżi dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija mir-Repubblika Franċiża lil Société nationale maritime Corse-Méditerranée (SNCM) SA (iktar 'il quddiem "SNCM") [2].

2. Permezz tar-rikors tagħha ppreżentat fl-10 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata li, l-ewwel nett, peress li ma ħaditx, fit-termini preskritti, il-miżuri kollha meħtieġa sabiex tirkupra mingħand il-benefiċjarji l-għajnuna mill-Istat iddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq intern bl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/435/UE, tat-2 ta' Mejju 2013, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.22843 (2012/C) (ex 2012/NN) implimentata minn Franza favur is-Société Nationale Corse Méditerranée u l-Compagnie Méridionale de Navigation [3] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), it-tieni nett, peress li ma annullatx, fit-termini preskritti, il-ħlasijiet kollha ta' għajnuna msemmija f'dan l-Artikolu 2(1) u, it-tielet nett, peress li ma informatx lill-Kummissjoni, fit-terminu mogħti, bil-miżuri meħuda sabiex tikkonforma ruħha ma' din id-deċiżjoni, ir-Repubblika Franċiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, kif ukoll taħt l-Artikoli 3 sa 5 tal-imsemmija deċiżjoni.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja SNCM u Franza vs Corsica Ferries France (C-533/12 P u C-536/12 P, EU:C:2014:2142); tal-Qorti Ġenerali Corsica Ferries France vs Il-Kummissjoni (T-349/03, EU:T:2005:221), u Corsica Ferries France vs Il-Kummissjoni (T-565/08, EU:T:2012:415); kif ukoll id-digriet tal-Qorti Ġenerali Corsica Ferries France vs Il-Kummissjoni (T-231/05, EU:T:2006:2). Ara wkoll, il-kawżi Franza vs Il-Kummissjoni (T-366/13), SNCM vs Il-Kummissjoni (T-454/13); Franza vs Il-Kummissjoni (T-74/14); u SNCM vs Il-Kummissjoni (T-1/15), pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3 — ĠU L 220, p. 20.

II – **Il-kuntest ġuridiku**

3. L-Artikolu 108(2) tat-TFUE jiddisponi dan li ġej:

“Jekk, wara li ssejjaħ lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom, il-Kummissjoni ssib li miżura ta’ għajnuna mogħtija minn Stat, jew permezz tar-riżorsi ta’ Stat, m’hijiex kompatibbli mas-suq intern skond l-Artikolu 107, jew li dik l-għajnuna tkun applikata b’mod inġust, hija għandha tieħu deċiżjoni li tirrikjedi lill-Istat interessat li jabolixxi dik l-għajnuna jew li jimmodifikaha fit-terminu preskritti mill-Kummissjoni.

Jekk l-Istat interessat ma joqgħodx għal din id-deċiżjoni fit-terminu preskritt, il-Kummissjoni jew kull Stat ieħor interessat ikun jista’ jippreżenta l-materja direttament lill-Qorti tal-Ġustizzja ta’ l-Unjoni Ewropea, b’deroga għad-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikoli 258 [TFUE] u 259 [TFUE].

[…]”

4. L-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta’ Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [108 TFUE] [4], jipprevedi:

“1. Fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f’każijiet ta’ għajnuna llegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju (minn hawn ’l quddiem imsejjħa ‘deċiżjoni ta’ rkupru’). Il-Kummissjoni m’għandhiex teħtieġ ir-rkupru ta’ l-għajnuna jekk dan ikun kuntrarju għal prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Komunità.

2. L-għajnuna li ser tkun rikuperata skond deċiżjoni ta’ rkupru għandha tinkludi l-imgħax f’rata xierqa ffissata mill-Kummissjoni. L-imgħax għandu jkun pagabbli mid-data li fiha l-għajnuna llegali kienet fid-disposizzjoni tal-benefiċjarju sad-data li fiha kienet irkuprata.

3. Mingħajr preġudizzju għall-ebda ordni tal-Qorti tal-Ġustizzja […] skond l-Artikolu [278 TFUE], ir-rkupru għandu jsir mingħajr dewmien u f’konformità mal-proċeduri tal-liġi nazzjonali ta’ l-Istat Membru kkonċernat, sakemm jippermettu għall-esekuzzjoni mmedjata u effettiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Għal dan l-effett u fl-eventwalità ta’ proċedura quddiem il-qrati nazzjonali, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li huma disponibbli fis-sistemi legali rispettivi tagħhom, li jinkludu miżuri proviżjonali, mingħajr preġudizzju għall-liġi tal-[Unjoni].”

III – **Il-kuntest fattwali**

A – *Il-fatti li wasslu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata*

5. Permezz tar-riżoluzzjoni tas-7 ta’ Ġunju 2007, l-Assemblea ta’ Corse tat lill-grupp iffurmat minn SNCM u minn Compagnie méridionale de navigation SA (iktar ’il quddiem “CMN”) id-delega ta’ servizz pubbliku għas-servizz marittimu bejn il-port ta’ Marseille u l-portijiet ta’ Corse. B’deċiżjoni tal-istess jum, il-President tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità ta’ Corse (CTC) ġie awtorizzat jiffirma l-Ftehim ta’ delega ta’ servizz pubbliku (iktar ’il quddiem il-“FDSP”).

6. L-FDSP ġie ffirmat għall-perijodu li jkopri mill-1 ta’ Lulju 2007 sal-31 ta’ Diċembru 2013. L-Artikolu 1 tiegħu jiddefinixxi l-għan tiegħu bħala l-provvista ta’ servizzi marittimi regolari fir-rotot kollha tad-delega ta’ servizz pubbliku bejn il-port ta’ Marseille u l-portijiet ta’ Corse ta’ Ajaccio, ta’ Balagne, ta’ Bastia, ta’ Porto-Vecchio u ta’ Propriano.

4 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339.

7. L-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt fl-Anness 1 tal-FDSP jiddefinixxu n-natura ta' dawn is-servizzi u jiddistingwu dan li ġej:

— is-servizz permanenti "passiġġieri u merkanzija" li l-grupp SNCM-CMN għandu jiżgura matul is-sena kollha (iktar 'il quddiem "is-servizz bażiku"), u

— is-servizz komplementari "tal-passiġġieri" li għandu jkun ipprovdut fl-eqqel tat-traffiku, għal perijodu ta' madwar 37 ġimgħa fuq ir-rotot Marseille-Ajaccio u Marseille-Bastia kif ukoll għall-perijodu li jkopri mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Settembru għar-rotta Marseille-Propriano (iktar 'il quddiem "is-servizz komplementari").

8. Permezz tal-FDSP, iż-żewġ delegati jirċievu kontribuzzjoni annwali mill-Uffiċċju tat-Trasport ta' Corse (OTC), inkambju għas-servizz bażiku u s-servizz komplementari. Il-kumpens finanzjarju finali ta' kull delegat għal kull sena huwa limitat għall-ammont tad-defiċit operattiv li jirriżulta mill-obbligi tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratti, filwaqt li titqies produzzjoni raġonevoli tal-valur konvenzjonali tal-flotta fi proporzjon mal-jiem ta' użu effettiv tagħha għall-vjaġġi li jikkorrispondu għal dawn l-obbligi. Fil-każ li d-dħul reali jkun inqas mid-dħul stmat kif stabbilit mid-delegati fl-offerta tagħhom, dan il-ftehim jipprovdi aġġustament tal-kumpens pubbliku.

9. Wara l-iffirmar tiegħu, il-FDSP ġie emendat b'tali mod li tneħħew iktar minn 100 vjaġġ fis-sena bejn Corse u Marseille, l-ammonti annwali tat-tariffa finanzjarja ta' referenza għaż-żewġ delegati tnaqsu b'EUR 6.5 miljun u ġie stabbilit limitu għall-mekkaniżmu ta' aġġustament annwali tad-dħul għal kull delegat.

B – *Id-deċiżjoni kkontestata*

10. Wara lment mill-kumpannija Franċiża Corsica Ferries France SAS (iktar 'il quddiem "Corsica Ferries") dwar l-għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern li minnha bbenefikaw SNCM u CMN permezz tal-FDSP, il-Kummissjoni, permezz ta' ittra tas-27 ta' Ġunju 2012, informat lill-awtoritajiet Franċiżi bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali bis-saħħa tal-Artikolu 108(2) TFUE, dwar l-allegata għajnuna lil SNCM u lil CMN permezz tal-FDSP[5].

11. Filwaqt li ddeċidiet li l-kumpens previst fil-FDSP kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli mas-suq intern, il-Kummissjoni kkunsidrat li tnejn mill-erba' kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415) ma kinux issodisfatti.

12. Il-Kummissjoni kkonstatat, fl-ewwel lok, li s-servizz komplementari pprovdut minn SNCM la kien meħtieġ u lanqas proporzjonat għas-sodisfazzjon ta' bżonn reali ta' servizz pubbliku. Fit-tieni lok, hija kkunsidrat, minn naħa, li l-kundizzjonijiet tas-sejħa għal offerti ma kinux ippermettew li tkun żgurata kompetizzjoni effettiva u, min-naħa l-oħra, li l-kumpens finanzjarju ma ġiex iddefinit b'riferiment għal bażi ta' spejjeż stabbiliti *a priori*, jew b'paragun mal-istruttura ta' spejjeż ta' impriżi marittimi oħrajn paragunabbli.

13. Minn dan il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kumpens li rċevew SNCM u CMN għas-servizz komplementari kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Hija kkonstatat li l-għajnuna kienet illegali, sa fejn ma kinitx ġiet innotifikata lill-Kummissjoni minn qabel. Barra minn hekk, hija kkunsidrat li l-kumpens li rċevew SNCM u CMN għas-servizz bażiku kien kompatibbli mas-suq intern, li ma kienx il-każ tal-kumpens li rċeviet SNCM mill-1 ta' Lulju 2007 għas-servizz komplementari.

5 — Ara s-sommarju f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tal-5 ta' Ottubru 2012 (ĠU C 301, p. 1).

14. Fid-dawl tal-punti hawn fuq iċċitati, il-Kummissjoni, permezz tad-deċiżjoni kkontestata, iddeċidiet dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Il-kumpens imħallas lill-SNCM u lis-CMN fil-qafas tal-[FDSP] tas-7 ta' Ġunju 2007 huwa għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1)[TFUE]. Din l-għajnuna mill-Istat ingħatat bi ksur tal-obbligi previsti fl-Artikolu 108(3)[TFUE].

Artikolu 2

1. Il-kumpens imħallas lill-SNCM fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-kapaċità addizzjonali pprovduta f'I a) 2), I b) 2) u I d) 1.4) tal-ispeċifikazzjonijiet tal-[FDSP] msemmi hawn fuq, huwa inkompatibbli mas-suq intern.

2. Il-kumpens imħallas lill-SNCM u lis-CMN għall-operat tas-servizzi l-oħrajn previsti mill-[FDSP] msemmi hawn fuq huwa kompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 3

1. Franza għandha l-obbligu li tirkupra l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2(1), mill-benefiċjarju.

2. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għandu jkollhom imgħaxijiet, li jibdew mid-data li fiha tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sal-irkupru attwali tagħhom.

3. L-imgħax għandu jiġi kkalkolat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 u skont ir-Regolament (KE) Nru 271/2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.

4. Franza tħassar il-ħlasijiet kollha ta' għajnuna msemmija fl-Artikolu 2(1), li jistgħu jseħħu wara d-data tan-notifika ta' din id-deċiżjoni.

Artikolu 4

1. L-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2(1), huwa immedjat u effettiv.

2. Franza tiżgura li din id-deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 5

1. Fix-xahrejn ta' wara n-notifika ta' din id-deċiżjoni, Franza tikkomunika l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

a) l-ammont totali (kapital u imgħax) li għandu jiġi rkuprat mill-benefiċjarju;

b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri diġà meħuda u dawk ippjanati sabiex tikkonforma ma' din id-deċiżjoni;

c) id-dokumenti li juru li l-benefiċjarju ġie ordnat iħallas lura l-għajnuna;

d) id-data u l-ammont eżatt ta' ħlasijiet ta' kull xahar u tal-aġġustamenti annwali li saru mid-dħul fis-seħħ tal-ftehim sad-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni.

2. Franza żżomm lill-Kummissjoni informata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda biex tiġi implimentata din id-deċiżjoni sal-irkupru sħiħ tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2(1). Hi tissottometti immedjatament, fuq talba tal-Kummissjoni, kull informazzjoni dwar il-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati sabiex tkun konformi ma' din id-deċiżjoni. Tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajnuna u l-imgħaxijiet diġà rkuprati mingħand il-benefiċjarju.

Artikolu 6

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lejn ir-Repubblika ta' Franza."

15. Skont il-Kummissjoni, l-ammont ta' għajnuna li kellha tiġi rkuprata kien ikkalkolat, fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, għal madwar EUR 220 224 miljun.

C – *L-aġir tal-awtoritajiet Franċiżi wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata*

16. Id-deċiżjoni kkontestata ġiet innotifikata lill-awtoritajiet Franċiżi fit-3 ta' Mejju 2013. Hija s-suġġett ta' rikorsi għal annullament ippreżentati fil-Qorti Ġenerali fis-17 ta' Lulju 2013 mir-Repubblika Franċiża u fis-27 ta' Awwissu 2013 minn SNCM [6]. Hija kienet ukoll is-suġġett ta' talba għal miżuri provviżorji tar-Repubblika Franċiża li ġiet miċħuda fl-ewwel istanza mill-President tal-Qorti Ġenerali [7] u fl-appell mill-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja [8].

17. Permezz ta' ittra tal-20 ta' Ġunju 2013, il-President tal-Kunsill Eżekuttiv tas-CTC, P. Giacobbi, talab lill-Viċi President tal-Kummissjoni, J. Almunia, sabiex jingħata informazzjoni dwar il-modalitajiet tal-implementazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

18. Fl-10 ta' Lulju 2013, il-prefett ta' Corse bagħat ittra lill-President tal-Kunsill Eżekuttiv tas-CTC li magħha kien hemm annessa d-deċiżjoni kkontestata. Skont din l-ittra, il-prefett ta' Corse talab lil dan sabiex jagħrfu dwar l-iżviluppi li kienu ser iseħħu. Barra minn hekk, il-prefett ta' Corse rrefera għall-fatt li l-Gvern Franċiż kien lest li jikkontesta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni permezz ta' rikors għal annullament akkumpanjat minn talba għal miżuri provviżorji.

19. Fl-istess jum, il-prefett ta' Corse bagħat lill-President ta' SNCM kopja tal-ittra indirizzata lill-President tal-Kunsill Eżekuttiv tas-CTC, kif ukoll kopja tad-deċiżjoni kkontestata.

20. Permezz ta' ittra tas-17 ta' Lulju 2013, il-Viċi President tal-Kummissjoni indika lill-President tal-Kunsill Eżekuttiv tas-CTC li, skont id-deċiżjoni kkontestata, il-ħlasijiet tal-kumpens mogħti lil SNCM għas-servizz komplementari għandhom jiġu immedjatament sospiżi, li t-terminu stabbilit fid-deċiżjoni kkontestata sabiex tintbagħat l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) kien diġà għadda u li barra minn hekk kien importanti li t-terminu ta' eżekuzzjoni, stabbilit fl-Artikolu 4(2) tal-imsemmija deċiżjoni jiġi rrispettat. F'din l-ittra, il-Viċi President tal-Kummissjoni fakkar li, bħala regola, l-għajnuna "għandha tiġi rkuprata mill-entità li tkun tat l-istess għajnuna, abbażi ta' titolu eżekuttiv b'mod sħiħ maħruġ minn din l-entità (bil-kundizzjoni li din tal-aħħar hija legalment awtorizzata tagħmel dan), jew fin-nuqqas, minn awtorità pubblika investita b'tali poter. Fil-każ preżenti, l-obbligu ta' rkupru jidher għalhekk li jaqa' fuq il-Kunsill Eżekuttiv [tas-CTC] […] sa fejn kien dan tal-aħħar li ta l-għajnuna inkompatibbli, kif irrilevat fil-punt 28 tad-deċiżjoni [kkontestata]".

6 — Dawn huma l-kawżi Franza vs Il-Kummissjoni (T-366/13) u SNCM vs Il-Kummissjoni (T-454/13), pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

7 — Ara d-digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali Franza vs Il-Kummissjoni (T-366/13 R, EU:T:2013:396).

8 — Ara d-digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja Franza vs Il-Kummissjoni [C-574/13 P(R), EU:C:2014:36].

21. Permezz ta' ittra tad-29 ta' Lulju 2013, il-President tal-Kunsill Eżekuttiv tas-CTC informa lill-Viċi President tal-Kummissjoni li kien ħa l-miżuri meħtieġa sabiex jannulla l-ħlas tal-kumpens li jikkorrispondi mas-servizz komplementari. Hu żied li kien qed jiltaqa' ma' diffikultajiet "mal-awtoritajiet tal-Istat Franċiż, b'mod partikolari, id-dipartimenti tal-prefett ta' Corse u l-Kamra Reġjonali tal-Awdituri li kienu qed jikkonfutaw il-validità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni billi jinnegaw in-natura eżekuttiva tagħha".

22. Permezz ta' ittra tat-2 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Franċiżi sabiex jinformawha, fi żmien għaxart ijiem mid-data ta' din l-ittra, bil-miżuri li jkunu ħadu sabiex jimplementaw id-deċiżjoni kkontestata. F'din l-ittra, il-Kummissjoni fakkret lill-awtoritajiet Franċiżi li sakemm deċiżjoni ta' rkupru ta' għajnuna mill-Istat ma ġietx sospiża b'mod validu, hija tibqa' infurzabbli b'mod sħiħ u dirett. Barra minn hekk, hija talbet lill-awtoritajiet Franċiżi jispjegawlha l-konsegwenzi tal-implementazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata dwar is-sitwazzjoni finanzjarja ta' SNCM peress li, skont dawn l-awtoritajiet, l-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni kkontestata kienet ser twassal b'mod inevitabbli għall-insolvenza u l-istralċ ġudizzjarju ta' din il-kumpannija. Għalhekk, il-Kummissjoni għamlet mistoqsijiet fir-rigward ta' informazzjoni li hija kellha, li l-Kunsill Eżekuttiv tas-CTC kellu l-ħsieb li, abbażi ta' rapport tal-OTC, jipproponi lill-Assemblea ta' Corse tiffirma mal-grupp iffurmat minn SNCM u minn CMN, FDSP ġdid għat-trasport ta' passiġġieri u ta' merkanzija bejn Marseille u l-portijiet ta' Corse għall-perijodu li jkopri s-snin 2014 sa 2023.

23. Peress li ma kisbet l-ebda tweġiba mill-awtoritajiet Franċiżi, il-Kummissjoni, permezz ta' ittra datata 20 ta' Settembru 2013, "[stiednet] mill-ġdid lill-awtoritajiet Franċiżi sabiex jipproċedu immedjatament għall-irkupru tal-għajnuna, bl-interessi, sabiex jannullaw (u jekk ikun il-każ sabiex jirkupraw l-għajnuna kollha li setgħet tħallset għas-servizz kumplimentari mill-jum tan-notifika tad-[deċiżjoni kkontestata] u sabiex jipprovdu rapport dwar l-istat tal-irkupru, inkluż spjegazzjoni tal-metodu tal-kalkolu tal-interessi". Il-Kummissjoni informathom li għandhom jipprovdulha din l-informazzjoni f'terminu ta' 20 jum ta' xogħol mid-data ta' din l-ittra. Finalment, il-Kummissjoni indikat li dan it-terminu supplimentari ma kien bl-ebda mod jibdel l-obbligu ta' eżekuzzjoni immedjata ta' din id-deċiżjoni u li, fin-nuqqas ta' tali eżekuzzjoni, id-dipartimenti tagħha kellhom l-obbligu jippproponulha li tinfetaħ kawża kontra r-Repubblika Franċiża taħt l-Artikolu 108(2) TFUE.

24. Xahrejn wara, jiġifieri fid-29 ta' Novembru 2013, l-awtoritajiet Franċiżi informaw lill-Kummissjoni li s-CTC kienet issospendiet il-ħlasijiet ta' kumpens relatati mas-servizz imsejjaħ "komplimentari" mill-aħħar tax-xahar ta' Lulju 2013, abbażi ta' stima provviżorja kkalkolata abbażi tal-ammonti msemmija fid-deċiżjoni kkontestata. Fir-rigward tal-ammont totali tal-kumpens li għandu jiġi rkuprat mingħand il-benefiċjarji (is-somma prinċipali u l-interessi), l-awtoritajiet Franċiżi spjegaw id-diffikultajiet tagħhom li jikkalkolawh, peress li fl-opinjoni tagħhom, id-distinzjoni użata mill-Kummissjoni bejn is-"servizz bażiku" u s-"servizz komplimentari" kienet artifiċjali għax dawn iż-żewġ servizzi kienu inseparabbli u kellhom l-għan ta' kontinwità territorjali.

25. Fit-18 ta' Diċembru 2013, il-President tal-Kunsill Eżekuttiv tas-CTC bagħat ittra lis-Segretarju nazzjonali għat-trasport tas-Sindikat tal-ħaddiema ta' Corse, A. Mosconi, li kienet tirreferi għall-għanijiet li kellhom jintlaħqu billi indika, b'mod partikolari, li "s-CTC ma kienet [ser toħroġ] l-ebda titolu u ma kienet [ser tiftaħ] l-ebda proċedura li twassal sabiex jiġi ppreċipitat id-destin tal-[SNCM]".

26. Wara li ġie ppreżentat ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fl-10 ta' Frar 2014 seħħew diversi avvenimenti.

27. Waqt is-seduta, ir-Repubblika Franċiża ppreċiżat li t-talba ta' Veolia-Transdev, tad-29 ta' Ottubru 2014, sabiex tikseb ir-rimbors antiċipat tas-self li hija kienet tat lil SNCM wasslet sabiex, fl-4 ta' Novembru 2014, ikun hemm dikjarazzjoni ta' waqfien ta' ħlasijiet ta' din il-kumpannija.

28. Hija żiedet ukoll li fis-7 u fid-19 ta' Novembru 2014, l-OTC ħareġ żewġ avviżi sabiex jirkupra l-għajnuna ddikjarata inkompatibbli, iżda għal ammont ta' madwar EUR 198 miljun li, skont il-Kummissjoni, kien inqas minn dak indikat fid-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri EUR 220 224 miljun.

29. Fit-28 ta' Novembru 2014, il-President tat-Tribunal tal-Kummerċ ta' Marseille (Franza) kkonstata l-waqfien tal-ħlasijiet ta' SNCM u qiegħed l-amministrazzjoni tagħha taħt il-kontroll ta' qorti għal perijodu ta' sitt xhur [9]. Id-deċiżjoni li ordnat il-bidu ta' din il-proċedura ġiet ippubblikata fl-14 ta' Diċembru 2014, liema deċiżjoni tat bidu għat-terminu ta' xahrejn mogħti lill-kredituri sabiex jiddikjaraw id-dejn tagħhom.

30. Fid-9 ta' Jannar 2015, l-awtoritajiet Franċiżi inkludew l-għajnuna ddikjarata inkompatibbli mad-dejn ta' SNCM għal ammont ta' madwar EUR 198 miljun.

31. Matul is-seduta, ir-Repubblika Franċiża barra minn hekk informat lill-Qorti tal-Ġustizzja li diversi offerti ta' xiri ta' SNCM (il-mezzi tax-xandir isemmu ħamsa flimkien ma' żewġ ittri ta' intenzjoni) [10] kienu ġew iddepożitati fi ħdan it-Tribunal tal-Kummerċ ta' Marseille fit-2 ta' Frar 2015 fil-kuntest tal-proċedura li permezz tagħha l-amministrazzjoni ta' SNCM tqiegħdet taħt il-kontroll ta' qorti.

32. Minn ċertu informazzjoni tal-mezzi tax-xandir jirriżulta li dawn l-offerti kienu suġġetti għal kundizzjonijiet sospensivi, jiġifieri t-trażmissjoni tad-delega tas-servizz pubbliku bejn Corse u Franza kontinentali, in-negozjar mill-ġdid tal-ftehim soċjali u l-"eliminazzjoni" tal-obbligu ta' rimbors tal-għajnuna illegali [11].

D – *Il-kuntest tal-kawża*

33. Kif semmejt fil-punt 1 ta' dawn il-konklużjonijiet, din il-kawża hija waħda minn lista twila ta' kawżi dwar għajnuna mill-Istat mogħtija mir-Repubblika Franċiża lil SNCM. Din l-għajnuna hija maqsuma f'żewġ gruppi: l-għajnuna mogħtija lil SNCM permezz ta' pjan ta' ristrutturazzjoni tagħha u l-għajnuna mogħtija lilha permezz ta' kumpens finanzjarju għad-delega tas-servizz pubbliku. Dawn iż-żewġ gruppi wasslu għal żewġ proċeduri li ma għandhomx jiġu konfużi peress li jirrigwardaw ammonti qrib xulxin (madwar EUR 220 miljun).

1. L-ewwel proċedura

34. L-ewwel miż-żewġ proċeduri bdiet bil-kontestazzjoni tal-għajnuna mogħtija lil SNCM permezz tal-pjan ta' ristrutturazzjoni tal-2002. Il-kumpannija privata u kompetitriċi ta' SNCM, Corsica Ferries, ippreżentat rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2003 li ddikjarat din l-għajnuna kompatibbli mas-suq komuni [12].

35. Permezz tas-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2005, il-Qorti Ġenerali annullat din id-deċiżjoni billi ddeċidiet li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni "d-dħul nett mill-bejgħ sħiħ mill-assi mhux indispensabbli għad-determinazzjoni tan-natura minima ta' l-għajnuna" [13]. Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali ma ġietx appellata.

9 — Ara l-artiklu tal-ġurnal ta' kuljum *Le Monde* tad-29 ta' Novembru 2014, p. 16, intitolat: "SNCM: quatre repreneurs étudieraient le dossier".

10 — Ara l-artiklu tal-ġurnal ta' kuljum *Le Monde* tal-4 ta' Frar 2015, intitolat "SNCM: quatre offres de reprise sont jugées sérieuses", disponibbli fis-sit internet http://www.lemonde.fr/economie/article/2015/02/04/sncm-quatre-offres-de-reprise-sont-jugees-serieuses_4569801_3234.html.

11 — Ara "Nouveau rendez-vous judiciaire le 18 mars pour la SNCM", *France 3*, tal-5 ta' Frar 2015, aċċessibbli fis-sit internet http://france3-regions.francetvinfo.fr/provence-alpes/2015/02/05/nouveau-rendez-vous-judiciaire-le-18-mars-pour-la-sncm-648939.html.

12 — Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/166/KE, tad-9 ta' Lulju 2003, dwar l-għajnuna għar-ristrutturizzazzjoni li Franza għandha l-ħsieb li tagħti lis-Société nationale maritime Corse-Méditerranée (SNCM) (ĠU 2004, L 61, p. 13).

13 — Sentenza Corsica Ferries France vs Il-Kummissjoni (T-349/03, EU:T:2005:221, punt 315).

36. Fit-8 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni ħadet deċiżjoni oħra [14], li tiddikjara minn naħa, li l-miżuri tal-pjan ta' ristrutturazzjoni tal-2002 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat illegali, iżda li kienu kompatibbli mas-suq komuni u, min-naħa l-oħra, li l-miżuri tal-pjan ta' privatizzazzjoni tal-2006 ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE (illum l-Artikolu 107(1) TFUE).

37. Din id-deċiżjoni ġiet annullata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali Corsica Ferries France vs Il-Kummissjoni (T-565/08, EU:T:2012:415) mogħtija fil-11 ta' Settembru 2012. L-appell kontra din is-sentenza ġie miċħud, permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fl-4 ta' Settembru 2014 [15].

38. Fil-frattemp, fl-20 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni ordnat l-irkupru tal-ammonti tal-pjan ta' ristrutturazzjoni ta' SNCM imsemmija minn dawn is-sentenzi [16]. Din id-deċiżjoni reġgħet kienet is-suġġett ta' rikors għal annullament ippreżentat mir-Repubblika Franċiża u minn SNCM quddiem il-Qorti Ġenerali, ippreżentati rispettivament f'Jannar 2014 [17] u f'Jannar 2015.

2. It-tieni proċedura

39. Din it-tieni proċedura tirrigwarda l-FDSP iffirmat fl-2007 u li jipprevedi kumpens finanzjarju favur SNCM u CMN. Fl-2013, il-Kummissjoni ddikjarat dan il-kumpens illegali u ordnat l-irkupru tal-kumpens relatat mas-servizz komplementari.

40. Din id-deċiżjoni bħalissa hija s-suġġett ta' rikors għal annullament ippreżentat fil-Qorti Ġenerali mir-Repubblika Franċiża u minn SNCM. Kien fil-kuntest ta' dawn ir-rikorsi, li talba għal miżuri provviżorji mressqa mir-Repubblika Franċiża, sabiex tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, ġiet miċħuda fl-ewwel istanza mill-President tal-Qorti Ġenerali [18] u fl-appell mill-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja [19].

41. Huwa wkoll in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fil-qofol ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

42. Matul is-seduta, il-Kummissjoni żiedet li, f'Settembru 2013, l-awtoritajiet Franċiżi għal darb'oħra u mingħajr ma nnotifikaw lill-Kummissjoni, ħallsu ammonti kunsiderevoli lil SNCM billi tawha, fost benefiċċji oħra, delega ġdida ta' servizz pubbliku għal għaxar snin b'kundizzjonijiet kontroversjali ferm.

IV – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

43. Il-Kummissjoni ressqet it-talba tagħha fl-10 ta' Frar 2014. Ir-Repubblika Franċiża ppreżentat ir-risposta tagħha fit-23 ta' April 2014 u l-Kummissjoni, min-naħa tagħha, ippreżentat ir-replika tagħha fit-2 ta' Ġunju 2014. Il-proċedura bil-miktub ingħalqet permezz tal-preżentata tal-kontroreplika tar-Repubblika Franċiża fl-14 ta' Lulju 2014.

44. Fil-5 ta' Frar 2015 inżammet seduta li matulha l-Kummissjoni u r-Repubblika Franċiża ppreżentaw l-osservazzjonijiet orali.

14 — Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/611/KE, tat-8 ta' Lulju 2008, dwar il-miżuri C 58/02 (ex N 118/02) li Franza implimentat favur is-Société Nationale Maritime Corse-Méditerranée (SNCM) (ĠU 2009, L 225, p. 180).

15 — Sentenza SNCM u Franza vs Corsica Ferries France (C-533/12 P u C-536/12 P, EU:C:2014:2142). Għandu jiġi nnotat li l-Kummissjoni ma ngħaqditx fl-appelli ppreżentati minn SNCM u mir-Repubbliku Franċiża u ma intervenietx fihom.

16 — Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/882/UE, tal-20 ta' Novembru 2013, dwar l-għajnuna mill-Istat Nru SA 16237 (C58/02) (ex N118/02) implimentata minn Franza favur l-SNCM (ĠU 2014, L 357, p. 1).

17 — Ara l-kawża Franza vs Il-Kummissjoni (T-74/14) u SNCM vs Il-Kummissjoni (T-1/15), pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

18 — Ara d-digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali Franza vs Il-Kummissjoni (T-366/13 R, EU:T:2013:396).

19 — Ara d-digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja Franza vs Il-Kummissjoni [C-574/13 P(R), EU:C:2014:36].

V – **Fuq in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li dwaru hija kkritikata r-Repubblika Franċiża**

45. Fit-talba tagħha, il-Kummissjoni ssostni li:

— peress illi ma ħaditx, fit-termini preskritti, il-miżuri kollha meħtieġa sabiex tirkupra mingħand il-benefiċjarju l-għajnuna mill-Istat iddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq intern permezz tal-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni kkontestata;

— peress illi ma annullatx, fit-termini preskritti, il-ħlasijiet tal-għajnuna kollha msemmija f'dan l-Artikolu 2(1); u

— peress li ma informatx lill-Kummissjoni, fit-terminu mogħti, bil-miżuri meħuda sabiex tikkonforma ruħha ma' din id-deċiżjoni,

ir-Repubblika Franċiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE u taħt l-Artikoli 3 sa 5 tal-imsemmija deċiżjoni.

A – *Fuq l-ewwel ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' rkupru tal-għajnuna illegali*

1. Introduzzjoni

46. Meta l-Kummissjoni tiddikjara għajnuna bħala illegali, l-irkupru li hija tordna jseħħ skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 659/1999, li jistabbilixxi li:

"[…] ir-rkupru għandu jsir mingħajr dewmien u f'konformità mal-proċeduri tal-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru kkonċernat, sakemm jippermettu għall-esekuzzjoni mmedjata u effettiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Għal dan l-effett u fl-eventwalità ta' proċedura quddiem il-qrati nazzjonali, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li huma disponibbli fis-sistemi legali rispettivi tagħhom, li jinkludu miżuri proviżjonali, mingħajr preġudizzju għall-liġi [tal-Unjoni]."

47. Ir-Repubblika Franċiża ma tikkontestax li l-miżuri neċessarji sabiex tirkupra l-għajnuna mill-Istat iddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq intern permezz tal-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni kkontestata ma ttieħdux mill-awtorità Franċiża kompetenti sabiex tagħmel dan, jiġifieri s-CTC.

48. Id-dokumenti annessi mat-talba tal-Kummissjoni jippruvaw dan b'mod suffiċjenti fid-dritt.

49. Minn naħa, permezz tal-ittra tiegħu tad-29 ta' Lulju2013, il-President tal-Kunsill Eżekuttiv tas-CTC, P. Giacobbi, informa lill-Viċi President tal-Kummissjoni, J. Almunia, "[dwar] diffikultajiet *mal-awtoritajiet tal-Istat Franċiż*, b'mod partikolari, id-dipartimenti tal-prefett ta' Corse u l-Kamra Reġjonali tal-Awdituri li kienu qed *jikkonfutaw il-validità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni billi jinnegaw in-natura eżekuttiva tagħha*" [20].

50. Min-naħa l-oħra, permezz tal-ittra tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2013, huwa assigura lis-Segretarju nazzjonali għat-trasport tas-Sindakat tal-ħaddiema ta' Corse, A. Mosconi, li "*s-CTC ma kienet ser toħroġ l-ebda titolu* u ma kienet ser tiftaħ l-ebda proċedura li twassal sabiex jiġi ppreċipitat id-destin tal-kumpannija" [21].

20 — Enfasi miżjuda minni.

21 — Enfasi miżjuda minni.

2. L-argumenti tar-Repubblika Franċiża

51. Fid-dawl ta' dan ir-rifjut ta' eżekuzzjoni, ir-Repubblika Franċiża tinvoka l-impossibbiltà assoluta li teżegwixxi korrettament id-deċiżjoni kkontestata, li skont ġurisprudenza stabbilita, hija "l-uniku motiv ta' difiża li jista' jiġi invokat minn Stat Membru kontra rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu [108](2) [TFUE]" [22].

52. F'dan il-każ, ir-Repubblika Franċiża ssostni li kien impossibbli li teżegwixxi d-deċiżjoni kkontestata għaliex l-eżekuzzjoni tagħha kienet ċertament ser twassal għall-insolvenza u għall-istralċ ta' SNCM [23], ħaġa, li minn naħa tagħha, kienet ser twassal għal problemi gravi ħafna ta' ordni pubbliku kif ukoll għal riskju ta' waqfien tal-kontinwità territorjali bejn Franza kontinentali u Corse.

53. Dwar l-insolvenza ta' SNCM, ir-Repubblika Franċiża tinvoka li sa fejn il-kontijiet tas-sena finanzjarja 2012 ta' SNCM juru li l-attiv disponibbli ta' din il-kumpannija fil-31 ta' Diċembru 2012 kien jilħaq l-ammont ta' EUR 87 831 miljun, l-irkupru ta' somma ta' EUR 220 224 miljun kien inevitabbilment ser iqiegħed lil din il-kumpannija fi stat ta' waqfien ta' ħlasijiet. Peress li l-likwidità ta' SNCM kienet dipendenti ħafna fuq self għal terminu medju ta' EUR 87.3 miljun mogħti mill-azzjonista maġġoritarja Veolia-Transdev, li fi kwalunkwe ħin setgħet titlob ir-rimbors antiċipat, l-eżekuzzjoni tal-irkupru tas-somma ta' EUR 220 224 miljun inevitabbilment kien ikollha l-effett li tirrendi impossibbli l-finanzjament ta' kwalunkwe kontinwazzjoni ta' ġestjoni. Barra minn hekk, sa fejn l-impriża kellha, għas-sena 2012, telf nett ta' EUR 14 251 miljun li miegħu kellu għalhekk jiżdied l-ammont ta' EUR 220 224 miljun, kien ikun ftit li xejn probabbli li impriża tkun interessata tixtri lil SNCM, li minħabba dan il-fatt, inevitabbilment kienet tkun suġġetta għal stralċ.

54. Ir-Repubblika Franċiża ssostni wkoll li l-istralċ ta' SNCM kienet tali li tikkawża problemi gravi ta' ordni pubbliku u għall-armonija soċjali, peress li l-klima soċjali fi ħdan SNCM u fil-port ta' Marseille kienet diġà marret lura. Fil-fatt, matul l-azzjonijiet industrijali tal-2005 li seħħew wara t-tħabbir tal-privatizzazzjoni ta' SNCM, il-parteċipanti fl-azzjonijiet industrijali kienu okkupaw dgħajjes preżenti fil-port ta' Marseille, u b'hekk imblukkaw diversi eluf ta' passiġġieri li kienu ser jitilqu, biddlu r-rotta ta' vapur u ssekwestraw lill-President-Direttur Ġenerali ta' SNCM. Dawn l-azzjonijiet industrijali ġew estiżi u b'hekk wasslu għal waqfien ġenerali tal-port ta' Marseille, li kien qed jaffettwa kemm it-trasport tal-passiġġieri kif ukoll il-merkanzija u t-traffiku petrokimiku.

55. Sussegwentement, il-klima soċjali fi ħdan SNCM ma marritx għall-aħjar għax fil-bidu tas-sena 2011 reġa' kien hemm azzjonijiet industrijali ġodda. Matul ix-xahar ta' Marzu 2014, it-tliet sindakati ta' SNCM u sindakat tal-baħrin ta' Marseille sejħu azzjoni industrijali għall-persunal kollu, wara li waqt il-laqgħat tal-bord superviżorju tax-xhur ta' Frar u Marzu 2014, Veolia-Transdev iddikjarat ruħha kuntrarja għal kull ordni ta' vapuri ġodda u kienet favur il-ftuħ ta' proċedura kollettiva fir-rigward ta' SNCM.

56. L-azzjoni industrijali tax-xahar ta' Ġunju 2014 uriet id-diffikultajiet li kellha l-ekonomija ta' Corse, peress li seħħet f'kuntest nazzjonali kkaratterizzat minn sitwazzjoni ta' kriżi ġenerali u bil-multiplikazzjoni ta' skemi ta' sensji u ta' tkeċċija kollettivi. Għal dan il-għan u bħala tweġiba għall-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li huma jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jevalwaw ir-riskji ta' aġir vjolenti jew problemi ta' ordni pubbliku u dawk marbuta mal-użu tal-forza pubblika sabiex tipprevjeni tali azzjonijiet jew sabiex twaqqafhom.

22 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (C-214/07, EU:C:2008:619, punt 44). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (52/84, EU:C:1986:3, punt 16); Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (94/87, EU:C:1989:46, punt 9); Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-183/91, EU:C:1993:233, punt 19); Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-404/97, EU:C:2000:345, punt 39); Il-Kummissjoni vs Franza (C-261/99, EU:C:2001:179, punt 23); Il-Kummissjoni vs Spanja (C-404/00, EU:C:2003:373, punt 45); u Il-Kummissjoni vs Spanja (C-177/06, EU:C:2007:538, punt 46).

23 — Id-diskussjoni f'din il-kawża tirrigwarda biss lil SNCM għaliex CMN ma rċevietx kumpens finanzjarju għas-servizz bażiku li l-Kummissjoni ddikjarat bħala għajnuna mill-Istat illegali iżda kompatibbli mas-suq intern bis-saħħa tal-Artikolu 106(2) TFUE (ara l-punt 213 tad-deċiżjoni kkontestata).

57. Ir-Repubblika Franċiża żżid li l-problemi ta' ordni pubbliku li huma marbuta mal-istralċ ta' SNCM iwasslu inevitabbilment sabiex ikun hemm waqfien tal-kontinwità territorjali bejn Franza kontinentali u Corse, kif ġara matul l-azzjonijiet industrijali tas-sena 2005, meta Corse kellha tiffaċċja problemi sinjifikattivi ta' provvisti, kemm ta' mediċini, ta' prodotti tad-demm, ta' karburanti u ta' kombustibbli oħrajn jew ta' prodotti essenzjali. Dan il-waqfien jaffettwa wkoll it-trasport ta' diversi eluf ta' passiġġieri, kemm jekk huma professjonisti, turisti jew residenti.

58. Ir-Repubblika Franċiża ssostni li dan il-waqfien tal-kontinwità jkompli anki meta s-sitwazzjoni soċjali tistabbilizza ruħha. L-awtoritajiet Franċiżi fil-fatt isostnu li s-sehem li SNCM għandha fl-għoti ta' servizz f'Corse kien sinjifikattiv peress illi kien jilħaq l-34.2 % tat-traffiku tal-passiġġieri u d-39 % tal-merkanzija.

59. L-ebda kumpannija oħra, sa issa, ma kienet ipproponiet li toffri servizz għall-portijiet kollha ta' Corse li għalihom kienet toffri servizz, fil-preżent, SNCM (b'mod partikolari dawk ta' Balagne, ta' Porto-Vecchio u ta' Propriano) u kien ferm improbabbli li Corsica Ferries jew CMN għandhom biżżejjed kapaċità sabiex jiżguraw rotot marittimi minn Marseille bil-kundizzjonijiet previsti fid-delega ta' servizz pubbliku li jkopri s-snin 2013 sa 2024. L-istess konstatazzjoni tapplika fl-eventwalità li jiġi kkostitwit grupp bejn CMN u Corsica Ferries sabiex jiżgura r-rotot bejn Franza kontinentali u Corse.

60. Fi kliem ieħor, skont ir-Repubblika Franċiża, ma kienx reali li operaturi oħra setgħu, f'qasir żmien, jimplementaw servizz ta' trasport bejn Corse u Marseille, sabiex jimtela' l-vojt li tħalli SNCM, filwaqt li tirreferi għall-punt 146 tad-deċiżjoni kkontestata li jipprovdi li "l-operaturi l-oħrajn tas-suq jammettu huma stess li ma kinux kapaċi jipprovdu […] is-servizz [bażiku]".

3. Evalwazzjoni

61. Fl-opinjoni tiegħi, il-motivi mressqa mir-Repubblika Franċiża sabiex jiġġustifikaw in-nuqqas ta' rkupru tal-għajnuna illegali inkwistjoni, ma jilħqux il-livell ta' impossibbiltà assoluta ta' eżekuzzjoni fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

a) L-argument ibbażat fuq in-natura inevitabbli ta' tqegħid fi stralċ ta' SNCM f'każ ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata

62. Skont ir-Repubblika Franċiża, l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata kienet ser twassal b'mod inevitabbli għat-tqegħid fi stralċ ta' SNCM għaliex l-ammont ta' għajnuna li kellu jiġi rkuprat kien jeċċedi ferm l-attiv ta' SNCM.

63. Jien ma naqbilx ma' din il-pożizzjoni.

64. Fl-ewwel lok, l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata sa min-notifika tagħha lir-Repubblika Franċiża ma kinitx inevitabbilment tfisser it-tqegħid fi stralċ ta' SNCM, iżda timplika, għall-ewwel, it-teħid ta' miżuri mandatorji fid-dritt nazzjonali li abbażi tagħhom l-irkupru tal-ammont tal-għajnuna seta' jsir.

65. Kif ippreċiża l-Viċi President tal-Kummissjoni fl-ittra tiegħu tas-17 ta' Lulju 2013 lill-President tal-Kunsill Eżekuttiv tas-CTC, "l-għajnuna għandha tiġi rkuprata mill-entità li tkun tat l-istess għajnuna, abbażi *ta' titolu eżekuttiv b'mod sħiħ maħruġ minn din l-entità*" [24].

24 — Enfasi miżjuda minni.

66. Il-ħruġ ta' tali titolu ma jfissirx b'mod awtomatiku t-tqegħid fi stralċ ta' SNCM. Fil-fatt, id-dritt tal-Unjoni ma jipprojbixxix lill-qrati nazzjonali milli jissospendu l-effetti ta' tali titolu eżekuttiv sabiex jiġu evitati danni gravi u irreparabbli għall-kumpannija inkwistjoni.

67. L-istess kien ikun il-każ ta' eventwali kundanna għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu f'din il-kawża, li kieku SNCM ma tqegħditx taħt il-kontroll tal-qorti fit-28 ta' Novembru 2014.

68. Kif iddeċieda l-President tal-Qorti Ġenerali fil-każ tat-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, din tobbliga lill-awtoritajiet Franċiżi sabiex jieħdu miżuri mandatorji "li barra minn hekk jistgħu jiġu sospiżi f'każ li qorti nazzjonali tiġi adita […], ħaġa li tista' twaqqaf lill-awtoritajiet Franċiżi milli jkomplu sa tmiemha l-proċedura ta' rkupru" [25].

69. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita ferm, "meta impriża li tibbenefika minn għajnuna mill-Istat titlob lill-qorti tal-Unjoni s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tordna l-irkupru ta' din l-għajnuna, il-fatt li jeżistu rimedji ġudizzjarji interni li jippermettu lill-imsemmija impriża tiddefendi ruħha kontra l-miżuri ta' rkupru fil-livell nazzjonali jista' jippermetti lill-imsemmija impriża tevita dannu gravi u irreparabbli li jirriżulta mir-rimbors tal-imsemmija għajnuna" [26].

70. Dan juri b'mod ċar li t-teħid ta' miżuri mandatorji mill-awtoritajiet Franċiżi sabiex jeżegwixxu d-deċiżjoni kkontestata ma kinux awtomatikament iwasslu, kif tissuġġerixxi r-Repubblika Franċiża, għat-tqegħid fi stralċ ta' SNCM.

71. L-argument kuntrarju li l-perspettiva ta' stralċ kienet toħloq impossibbiltà assoluta ta' eżekuzzjoni, kien jiżgura l-impunità kompleta għall-għoti tal-għajnuna illegali għal impriżi f'diffikultà fil-kuntest ta' liema kien ikun biżżejjed li jintuża l-istat ta' insolvenza sabiex ma jkunux kredituri tal-ammonti inkwistjoni f'kawża fejn l-amministrazzjoni ta' kumpannija tkun tqiegħdet taħt il-kontroll ta' qorti.

72. Fit-tieni lok, anki jekk l-inklużjoni fl-iskeda tal-passiv ta' dak relatat mar-rimbors tal-għajnuna inkwistjoni f'din il-kawża seħħet fit-termini preskritti mid-deċiżjoni kkontestata u għall-ammont sħiħ tagħha [27], skont ġurisprudenza stabbilita, din l-inklużjoni fl-iskeda tal-passiv "ma tissodisfax l-obbligu ta' rkupru ħlief jekk, fil-każ li l-awtoritajiet tal-Istat ma jkunux jistgħu jirkupraw l-ammont kollu tal-għajnuna, il-proċedura ta' falliment twassal għall-istralċ tal-impriża benefiċjarja tal-għajnuna illegali, jiġifieri għall-waqfien definittiv tal-attività tagħha" [28], ħaġa li ma hijiex il-każ f'din il-kawża.

73. Minn dan jirriżulta li, kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-punt 37 tas-sentenza tagħha Il-Kummissjoni vs Spanja (C-499/99, EU:C:2002:408, punt 37) "[i]n-nuqqas ta' attiv li jista' jiġi rkuprat huwa, fil-fatt […] *l-unika mod* għall-Gvern Spanjol li juri l-impossibbiltà assoluta li jirkupra l-għajnuna" [29], ħaġa li ma hijiex il-każ f'din il-kawża.

74. Fit-tielet lok, ninnota li l-obbligu li jinħareġ titolu eżekuttiv li jippermetti l-irkupru tal-ammonti ta' għajnuna ddikjarati illegali permezz tad-deċiżjoni kkontestata ġie wkoll impost f'din il-kawża meta l-amministrazzjoni ta' SNCM tqiegħdet taħt il-kontroll tat-Tribunal tal-Kummerċ ta' Marseille fit-28 ta' Novembru 2014.

25 — Ara d-digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali Franza vs Il-Kummissjoni (T-366/13 R, EU:T:2013:396, punt 41), ikkonfermat fl-appell permezz ta' digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Jannar 2014 Franza vs Il-Kummissjoni [C-574/13 P(R), EU:C:2014:36].

26 — Ara d-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja Alcoa Trasformazioni vs Il-Kummissjoni [C-446/10 P(R), EU:C:2011:829, punt 46]. Ara wkoll, f'dan is-sens, id-digrieti tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja Deufil vs Il-Kummissjoni (310/85 R, EU:C:1986:58, punt 22), u Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (142/87 R, EU:C:1987:281, punt 26), kif ukoll tal-President tal-Qorti Ġenerali Franza vs Il-Kummissjoni (T-366/13 R, EU:T:2013:396, punt 44).

27 — Infakkar li dan seħħ biss fid-9 ta' Jannar 2015 u għal ammont inqas minn dak ta' EUR 220 224 miljun previsti fid-deċiżjoni kkontestata. Skont il-Kummissjoni, il-ħruġ ta' titolu eżekuttiv ma jikkostitwixxix "bidu ta' eżekuzzjoni" tad-deċiżjoni kkontestata.

28 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja (C-610/10, EU:C:2012:781, punt 104). Ara wkoll, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-331/09, EU:C:2011:250, punti 63 sa 65) kif ukoll Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-454/09, EU:C:2011:650, punti 35 u 36).

29 — Enfasi miżjuda minni.

75. Minn dan jirriżulta li l-missjoni fdata lill-amministraturi ġudizzjarji mit-Tribunal tal-Kummerċ ta' Marseille li jsalvaw lil SNCM billi jsibu minn jixtriha [30], kienet timplika li dawn tal-aħħar ikunu informati bl-obbligu ta' SNCM li tirrimborsa l-ammonti tal-għajnuna lill-Istat Franċiż.

76. F'dan ir-rigward, u jekk huwa veru li l-offerti ta' xiri ta' SNCM iddepożitati fi ħdan it-Tribunal tal-Kummerċ ta' Marseille huma suġġetti għall-kundizzjoni li "jitħassar" l-obbligu ta' rimbors tal-għajnuna illegali billi ma jkunx hemm kontinwità ekonomika bejn SNCM u l-istruttura l-ġdida [31], infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita ferm, fil-każ fejn impriża ġdida tinħoloq sabiex tkompli parti mill-attivitajiet tal-impriża li bbenefikat mill-għajnuna illegali u li tqiegħdet fi stralċ, ma jkunx għad hemm l-impossibbiltà ta' rkupru tal-għajnuna illegali għaliex "it-tkomplija ta' din l-attività, mingħajr ma l-għajnuna kkonċernata tkun ġiet irkuprata kollha kemm hi, tista' tkompli ttawwal id-distorsjoni tal-kompetizzjoni kkawżata mill-vantaġġ kompetittiv li din il-kumpannija tkun ibbenefikat minnu fis-suq meta mqabbla mal-kompetituri tagħha. Għaldaqstant, tali kumpannija maħluqa b'dan il-għan tista', jekk dan il-vantaġġ jippersisti favuriha, tkun obbligata tirrimborsa l-għajnuna inkwistjoni. Dan huwa b'mod partikolari l-każ meta jiġi stabbilit li din il-kumpannija għadha effettivament tgawdi minn dan il-vantaġġ kompetittiv marbut mal-benefiċċju ta' din l-għajnuna, b'mod partikolari, meta din tipproċedi għall-akkwist tal-attiv tal-kumpannija fi stralċ mingħajr ma tħallas, inkambju, prezz skont il-kundizzjonijiet tas-suq *jew meta jiġi stabbilit li l-ħolqien ta' tali kumpannija kellu l-effett li jiġi evitat l-obbligu li titħallas lura l-imsemmija għajnuna*" [32].

b) L-argumenti bbażati fuq riskji ta' problemi serji ta' ordni pubbliku u ta' waqfien tal-kontinwità territorjali bejn Franza kontinentali u Corse

77. Kuntrarjament għall-argument ibbażat fuq in-natura allegatament inevitabbli tat-tqegħid fi stralċ ta' SNCM f'każ ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, dawn l-argumenti jirreferu biss għal "riskji" jew għall-biża' li ċerti avvenimenti jiġu pprovokati mill-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

78. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, "jekk diffikultajiet li ma jistgħux jintelgħbu jistgħu jtellfu lil Stat Membru milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt [tal-Unjoni], *is-sempliċi biża' ta' tali diffikultajiet ma għandhiex tiġġustifika n-nuqqas ta' dan l-Istat Membru milli japplika b'mod korrett dan id-dritt*" [33].

79. Barra minn hekk, meta Stat Membru "[ma jibda] l-ebda tentattiv sabiex jirkupra [l-għajnuna] inkwistjoni, l-impossibbiltà tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' rkupru ma tistax tintwera" [34].

80. B'mod iktar speċifiku dwar is-suġġett tar-riskju ta' problemi ta' ordni pubbliku, żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza (C-52/95, EU:C:1995:432) u Il-Kummissjoni vs Franza (C-265/95, EU:C:1997:595) joffru gwida utili.

30 — Ara l-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet kif ukoll l-artiklu fil-ġurnal ta' kuljum *Le Monde* tad-29 ta' Novembru 2014, p. 6, intitolat: "SNCM: quatre repreneurs étudieraient le dossier".

31 — Wieħed mill-imprendituri fost dawk li ddepożita offerta ta' xiri ddikjara li "l-punt prinċipali [tal-kwistjoni] hija jekk l-offerta li tintgħażel tissodisfax il-kriterji ta' nuqqas ta' kontinwità ġudizzjarja li tixtieq il-Kummissjoni Ewropea. Fin-nuqqas, ix-xerrej magħżul jista' fil-fatt ikollu jirrimborsa l-għajnuna illegali. L-offerti kollha, u fi kwalunkwe każ, l-offerta tiegħi, huma suġġetta għall-kundizzjoni li dan ir-riskju jitneħħa […]", ara l-artiklu tal-ġurnal ta' kuljum *Corse-Matin* tas-6 ta' Frar, intitolat: "SNCM: 'Nous serons très attentifs aux attentes de la Corse'", aċċessibbli fis-sit internet http://www.corsematin.com/article/derniere-minute/sncm-%C2%ABnous-serons-tres-attentifs-aux-attentes-de-la-corse%C2%BB.1689605.html. Ara wkoll il-punti 31 u 32 ta' dawn il-konklużjonijiet.

32 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja (C-610/10, EU:C:2012:781, punt 106). Enfasi miżjuda minni. Ara wkoll f'dan is-sens, is-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238, punt 86).

33 — Sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-280/95, EU:C:1998:28, punt 16). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza (C-52/95, EU:C:1995:432, punt 38); Il-Kummissjoni vs Franza (C-265/95, EU:C:1997:595, punt 55); Il-Kummissjoni vs Franza (C-441/06, EU:C:2007:616, punt 43), u Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-331/09, EU:C:2011:250, punt 72).

34 — Sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni(C-6/97, EU:C:1999:251, punt 34).

81. Il-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (C-52/95, EU:C:1995:432) tirrigwarda n-nuqqas tal-awtoritajiet Franċiżi li jibdew proċeduri penali jew amministrattivi kontra persuni responsabbli minn bastimenti rreġistrati taħt il-bandiera Franċiża li bi ksur tar-regolamenti ta' projbizzjoni maħruġa mill-Kummissjoni [35] komplew b'attivitajiet ta' sajd għall-inċova u b'attivitajiet relatati mas-sajd għall-imsemmi ħut.

82. Ir-Repubblika Franċiża kienet sostniet li "l-kampanja tas-sajd għall-inċova [kienet] saret fi klima soċjo-ekonomika tant diffiċli li kien hemm biża' ta' problemi sinjifikattivi li jistgħu jwasslu għal diffikultajiet ekonomiċi serji. L-awtoritajiet kompetenti għalhekk [kienu] kostretti jastjenu milli jieħdu passi kontra dawk responsabbli mill-ksur" [36].

83. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma aċċettatx dan l-argument billi ddeċidiet li "s-sempliċi biża' ta' diffikultajiet interni ma tistax tiġġustifika n-nuqqas li tapplika r-regoli inkwistjoni" [37].

84. Is-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (C-265/95, EU:C:1997:595), minn naħa tagħha, kienet tirrigwarda l-importazzjoni fi Franza ta' prodotti agrikoli (b'mod partikolari l-frawli) minn Spanja u minn Stati Membri oħra.

85. Ir-Repubblika Franċiża ġġustifikat in-nuqqas tagħha li tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura l-libertà tal-kummerċ fi ħdan l-Unjoni Ewropea ta' prodotti agrikoli fit-territorju tagħha billi allegat li "s-sitwazzjoni tal-bdiewa Franċiżi kienet tant diffiċli li wieħed seta' raġonevolment jibża' li azzjoni aktar determinata min-naħa ta' l-awtoritajiet kompetenti setgħet tipprovoka reazzjonijiet vjolenti min-naħa ta' l-operaturi kkonċernati, li seta' jwassal għal ksur aktar serju ta' l-ordni pubblika jew anki problemi soċjali" [38].

86. F'din l-okkażjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[h]uwa l-Istat Membru kkonċernat, sakemm ma jurix li azzjoni min-naħa tiegħu jista' jkollha *konsegwenzi* fuq l-ordni pubblika *li ma jkunx jista' jikkontrolla bil-mezzi għad-dispożizzjoni tiegħu*, li għandu jadotta l-miżuri kollha xierqa sabiex jiggarantixxi l-portata u l-effett sħiħ tad-dritt [tal-Unjoni] sabiex jassigura l-implementazzjoni korretta ta' dan id-dritt, fl-interessi ta' l-operaturi ekonomiċi kollha" [39] u li "[f]'dan il-każ, il-Gvern Franċiż ma ġabx prova konkreta ta' l-eżistenza ta' perikolu għall-ordni pubblika li ma setax jikkontrollah" [40].

87. Fl-opinjoni tiegħi, ir-Repubblika Franċiża f'din il-kawża ma stabbilixxietx li t-teħid ta' miżuri mandatorji sabiex teżegwixxi d-deċiżjoni kkontestata kien ser ikollu konsegwenzi fuq l-ordni pubbliku li hija ma setgħetx tiffaċċja permezz ta' mezzi għad-dispożizzjoni tagħha.

88. Anki fir-rigward tal-eventwali użu tal-forza pubblika li taqa' fil-kompetenza unika tal-Istati Membri, ir-Repubblika Franċiża ma wrietx li kien ikun assolutament impossibbli li tużaha li kieku l-problemi ta' ordni pubbliku li minnhom kienet qed tibża' kellhom iseħħu.

89. L-ewwel nett, għandu jitfakkar li, kuntrarjament għall-biżgħat tar-Repubblika Franċiża, il-ħruġ tardiv tat-titoli ta' rkupru mill-OTC fis-7 u fid-19 ta' Novembru 2014 kif ukoll l-inklużjoni tagħhom fl-iskeda tal-passiv fid-9 ta' Jannar 2015, li kienu l-ewwel fażijiet ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata ma wasslu għall-ebda problema ta' ordni pubbliku [41].

35 — Dan huwa r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1326/91, tal-21 ta' Mejju 1991, li jirrigwarda l-waqfien tas-sajd għall-inċova mill-vapuri rreġistrati taħt il-bandiera Franċiża (ĠU L 127, p. 11) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 942/92, tat-13 ta' April 1992, li jirrigwarda l-waqfien tas-sajd għall-inċova mill-vapuri rreġistrati taħt il-bandiera Franċiża (ĠU L 101, p. 42).

36 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (C-52/95, EU:C:1995:432, punt 37).

37 — *Ibidem* (punt 38).

38 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (C-265/95, EU:C:1997:595, punt 54).

39 — *Ibidem* (punt 56). Enfasi miżjuda minni.

40 — *Ibidem* (punt 57).

41 — Ma narax għaliex il-fatt li dawn il-fażijiet seħħew wara li d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Kummerċ ta' Marseille kien neħħa kull riskju ta' problemi ta' ordni pubbliku, kif allegat ir-Repubblika Franċiża matul is-seduta.

90. Barra minn hekk, id-dokumenti annessi mar-risposta tar-Repubblika Franċiża jirreferu għall-fatt li matul l-azzjoni industrijali estiża tal-2005, l-awtoritajiet Franċiżi kienu kapaċi jiffaċċjaw r-riskji ta' ksur tal-ordni pubbliku. Fil-fatt, il-forza pubblika ntużat sabiex terġa' tistabbilixxi l-moviment liberu fil-port ta' Ajaccio, sabiex jittieħed lura l-kontroll ta' vapur li kienet inbidlitlu r-rotta mill-persuni li pparteċipaw fl-azzjoni industrijali kif ukoll sabiex jitkeċċew il-persuni li pparteċipaw fl-azzjonijiet industrijali li kienu qed jimblukkaw żewġ terminals tat-tankers f'Fos-sur-Mer u f'Lavéra.

91. Ir-Repubblika Franċiża tinvoka wkoll ir-riskju ta' ħsarat materjali li setgħu jsiru mill-parteċipanti fl-azzjonijiet industrijali iżda mingħajr ma tat stima tagħhom b'mod iktar preċiż u mingħajr ma kkunsidrathom fil-konfront tal-interess ġenerali kopert bl-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

92. B'mod eżawrjenti, infakkar li r-Repubblika Franċiża diġà ressqet dan it-tip ta' argumenti sabiex tiġġustifika l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni ta' SNCM [42] u li kien miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja li ddeċidiet li "riferimenti sommarji għall-immaġni ta' Stat Membru bħala attur globali [li jistgħu jkunu mtebba' mill-azzjonijiet industrijali] ma humiex biżżejjed biex isostnu l-assenza ta' għajnuna, fis-sens tad-dritt tal-Unjoni" [43].

93. L-istess japplika għall-argumenti tar-Repubblika Franċiża bbażati fuq ir-riskju ta' waqfien tal-kontinwità territorjali bejn Franza kontinentali u Corse, li jipperikola, b'mod partikolari, il-provvisti ta' Corse ta' mediċini, ta' prodotti tad-demm, ta' karburanti, ta' kombustibbli u ta' prodotti essenzjali.

94. Ċertament, azzjoni industrijali estiża ta' SNCM akkumpanjata b'imblukkar tal-port ta' Marseille u tal-ajruporti ta' Corse, kif ukoll ta' azzjonijiet industrijali fil-portijiet ta' Corse (bħal dak li seħħ fl-2005) ma jistgħux ma joħolqux problemi delikati għall-awtoritajiet Franċiżi.

95. Madankollu, mingħajr ma nirrepeti dak li diġà għidt fir-rigward tal-avvenimenti tas-sena 2005 [44], niċċita fl-istess sens in-nota ta' gwida tad-Difiża u tas-Sigurtà Soċjali tat-30 ta' Settembru 2005 li indikat id-disponibbiltà tal-ajruport militari ta' Solenzara (sabiex tinżamm il-possibbiltà ta' provvisti permezz ta' rotta bl-ajru) u li nżid li l-prefett ta' Haute-Corse kien ħa miżuri oħra neċessarji sabiex jiżgura l-provvisti ta' Corse, bħal-limitu ta' bejgħ ta' karburant, u li huwa kien ippjana t-teħid ta' miżuri oħra bħar-rekwiżizzjoni tal-kumpanniji tat-trasport.

96. Il-messaġġ elettroniku tal-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli tas-6 ta' Ottubru 2005 juri wkoll li l-provvista ta' Corse tal-prodotti tal-petroleum kienet effettivament possibbli "bil-ħatt f'Ajaccio — *taħt il-protezzjoni tal-forzi tal-ordni* — ta' tanker minn Barcelona" [45]. Il-messaġġ elettroniku jikkonkludi li "[k]waži l-istazzjonijiet tal-petrol tal-gżira kollha kellhom provvista".

97. Jidhirli għalhekk li l-argumenti bbażati fuq ir-riskju ta' problemi serji ferm ta' ordni pubbliku u tar-riskju ta' waqfien tal-kontinwità territorjali bejn Franza kontinentali u Corse għandhom jiġu miċħuda.

42 — Ara wkoll, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi SNCM u Franza vs Corsica Ferries France (C-533/12 P u C-536/12 P, EU:C:2014:4, punti 72 u 73).

43 — Sentenza SNCM u Franza vs Corsica Ferries France (C-533/12 P u C-536/12 P, EU:C:2014:2142, punti 40 u 41). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Corsica Ferries France vs Il-Kummissjoni (T-565/08, EU:T:2012:415, punti 103 u 104).

44 — Ara l-punt 88 ta' dawn il-konklużjonijiet.

45 — Enfasi miżjuda minni.

98. Kwalunkwe konklużjoni oħra kien ikollha l-effett inaċċettabbli li tikkundizzjona l-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni għall-intenzjoni tajba (jew ħażina) jew għall-kapaċitajiet ftit jew wisq qawwija ta' imblukkar ta' ċerti gruppi li l-interessi tagħhom huma milquta mid-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew mid-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri sabiex jikkonformaw ruħhom magħhom [46]. Bħall-Kummissjoni, jiena nikkunsidra li r-Repubblika Franċiża tirraġuna f'dan ir-rigward bħallikieku hija ma setgħetx tiffaċċja t-theddida għall-ordni pubbliku li l-imsemmija gruppi setgħu jwettqu. F'dan is-sens, kif esprimiet fil-qosor il-Kummissjoni matul is-seduta, l-iskumdità politika ma kinitx tammonta għal impossibbiltà assoluta ta' eżekuzzjoni.

4. Fuq in-nuqqas ta' kooperazzjoni leali

99. Nippermetti li nżid li jekk Stat Membru jkollu diffikultajiet fl-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja titlob li l-Kummissjoni u l-Istat Membru "għandhom, fid-dawl tar-regola li timponi obbligu reċiproku ta' kooperazzjoni leali fuq l-Istati Membri u fuq l-istituzzjonijiet [tal-Unjoni] u li fuqha huwa bbażat, b'mod partikolari, l-Artikolu [4(3) TUE], jikkollaboraw *in bona fede* sabiex jegħlbu dawn id-diffikultajiet f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, u b'mod partikolari ma' dawk dwar l-għajnuna mill-Istat" [47].

100. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, diversi drabi, li "l-kundizzjoni ta' impossibbiltà assoluta li tiġi implementata deċiżjoni ma tiġix sodisfatta meta l-Istat Membru konvenut ma jagħmel xejn ħlief jinforma lill-Kummissjoni bid-diffikultajiet ġuridiċi, politiċi jew prattiċi li l-implementazzjoni tad-deċiżjoni toħloq, mingħajr ma jieħu l-passi neċessarji sabiex jirkupra l-għajnuna mingħand l-impriżi kkonċernati u mingħajr ma jipproponi lill-Kummissjoni metodi alternattivi, għall-implementazzjoni tad-deċiżjoni, li jippermettu li jiġu megħluba dawn id-diffikultajiet" [48].

101. Mill-proċess jirriżulta b'mod ċar li r-Repubblika Franċiża ma ħadet l-ebda pass ta' dan it-tip mal-impriżi kkonċernati u ma pproponiet l-ebda modalità alternattiva lill-Kummissjoni għall-implementazzjoni tad-deċiżjoni li kienet tippermetti li jintgħelbu l-allegati diffikultajiet.

102. Konsegwentement, ir-Repubblika Franċiża naqset mill-obbligi tagħha li fit-termini preskritti, tieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex tirkupra mingħand l-impriżi kkonċernati l-għajnuna mill-Istat iddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq intern permezz tal-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni kkontestata.

B – *Fuq it-tieni lment ibbażat fuq in-nuqqas ta' annullament tal-ħlasijiet kollha ta' għajnuna illegali*

103. Fit-talba tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lir-Repubblika Franċiża li ma annullatx, fit-termini preskritti, il-ħlasijiet kollha tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni kkontestata.

46 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (C-121/07, EU:C:2008:695, punt 72) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "jekk wieħed jassumi li l-problemi msemmija mir-Repubblika Franċiża huma parzjalment dovuti għall-implementazzjoni tar-regoli ta' oriġini Komunitarja, Stat Membru ma jistax jeċċepixxi diffikultajiet fl-applikazzjoni li feġġew fl-istadju tal-eżekuzzjoni ta' att Komunitarju, inklużi diffikultajiet marbutin mar-reżistenza ta' individwi, biex jiġġustifika n-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi u t-termini li jirriżultaw mir-regoli tad-dritt Komunitarju".

47 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (C-214/07, EU:C:2008:619, punt 45). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-348/93, EU:C:1995:95, punt 17); Il-Kummissjoni vs Franza (C-261/99, EU:C:2001:179, punt 24), u Il-Kummissjoni vs Spanja (C-485/03 sa C-490/03, EU:C:2006:777).

48 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (C-214/07, EU:C:2008:619, punt 46). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Spanja (C-404/00, EU:C:2003:373, punt 47); Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-99/02, EU:C:2004:207, punt 18); Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-415/03, EU:C:2005:287, punt 43), u Il-Kummissjoni vs Spanja (C-485/03 sa C-490/03, EU:C:2006:777, punt 74).

104. Skont il-Kummissjoni, kuntrarjament għal dak li jippreskrivi l-Artikolu 3(4) tad-deċiżjoni kkontestata, dawn il-ħlasijiet ma ġewx immedjatament sospiżi u lanqas annullati. Fit-talba tagħha, hija tispjega li l-bażit inizjali tal-OTC għas-sena 2013, adottat mill-Bord tad-Diretturi tiegħu fil-25 ta' Ġunju 2013, kien juri żewġ ħlasijiet finanzjarji favur SNCM u CMN, wieħed fl-ammont ta' EUR 78 014 930 u l-ieħor fl-ammont ta' EUR 32 627 141, rispettivament. Dawn l-ammonti kienu jkopru kemm is-servizz bażiku kif ukoll is-servizz komplementari, fir-rigward tal-ammonti korrispondenti għas-snin preċedenti.

105. Hija tirreferi wkoll għall-messaġġ elettroniku tad-29 ta' Novembru 2013 [49] li jipprovdi li l-awtoritajiet Franċiżi ddikjaraw li kienu interrompew il-ħlas tal-kumpens relatat mas-servizz komplementari fix-xahar ta' Lulju 2013 filwaqt li pprovditilha l-prova ta' ordni ta' ħlas tal-OTC lil SNCM li kien jirreferri għall-ħlas relatat mal-kumpens għas-servizz bażiku biss.

106. Madankollu, fl-opinjoni tagħha, din l-ordni ma tistabbilixxix li l-ħlas tal-kumpens għas-servizz komplementari kien ġie interrott fix-xahar ta' Lulju 2013 iżda tirreferi sempliċement għall-ħlas għas-servizz bażiku, u barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi ma jagħtu l-ebda indikazzjoni dwar il-mod kif dan l-ammont ġie kkalkolat.

107. Fir-risposta tagħha, ir-Repubblika Franċiża tiddikjara li l-ħlas tal-kumpens relatat mas-servizz komplementari kien ilu sospiż mix-xahar ta' Lulju 2013. Hija tibbaża ruħha fuq:

— l-ordni ta' ħlas inkwistjoni li, fl-opinjoni tagħha, turi li l-OTC kien ħallas biss lil SNCM għax-xahar ta' Lulju 2013 l-ammont ta' EUR 2 880 160 għas-servizz bażiku;

— l-estratti bankarji ta' SNCM annessi mar-risposta tagħha li juru li, mix-xahar ta' Lulju 2013, din tal-aħħar ma rċeviet xejn ħlief l-ammont ta' EUR 2 880 160 għas-servizz bażiku, minflok l-ammont ta' EUR 6 130 160 riċevut sax-xahar ta' Ġunju 2013 għas-servizz bażiku u għas-servizz komplementari; u

— it-talba għal miżuri provviżorji ppreżentata minn SNCM quddiem it-Tribunal amministrattiv ta' Bastia fit-12 ta' Diċembru 2013 sabiex tikseb il-kundanna tal-OTC għall-ħlas b'mod partikolari ta' ammont ta' EUR 16 225 000 minħabba nuqqas ta' ħlas tal-kumpens relatat mas-servizz komplementari.

108. Ir-Repubblika Franċiża tenfasizza wkoll li, sabiex tikkalkola l-ammont tal-kumpens li kellu jitħallas għas-servizz bażiku lil SNCM għax-xhur ta' Lulju 2013 sa Diċembru 2013, l-OTC uża l-metodu użat mill-Kummissjoni fil-punt 218 tad-deċiżjoni kkontestata.

109. Fid-dawl ta' dawn il-punti, il-Kummissjoni, fir-replika tagħha, ma sostnietx dan l-ilment, sa fejn ikopri n-nuqqas ta' sospensjoni tal-ħlasijiet lil SNCM għall-kumpens relatat mas-servizz komplementari mit-23 ta' Lulju 2013 u n-nuqqas ta' informazzjoni sodisfaċenti li tirrigwarda din is-sospensjoni.

110. Madankollu, il-Kummissjoni ssostni l-ilment tagħha fir-rigward tan-nuqqas ta' sospensjoni ta' ħlasijiet lil SNCM tal-ħlasijiet relatati mas-servizz komplementari għall-perijodu min-notifika tad-deċiżjoni kkontestata lir-Repubblika Franċiża, li seħħet fit-3 ta' Mejju 2013 sat-23 ta' Lulju 2013. Fil-fatt, mill-estratti bankarji ta' SNCM jirriżulta li matul dan il-perijodu, l-awtoritajiet Franċiżi kienu għamlu tliet ħlasijiet kull xahar ta' EUR 6 130 160 kull wieħed lil SNCM.

111. Fil-kontroreplika tagħha, ir-Repubblika Franċiża ma tikkontestax dan il-fatt, ħaġa li kkonfermat matul is-seduta.

49 — Ara l-punt 23 ta' dawn il-konklużjonijiet.

112. Is-sospensjoni tal-ħlas relatat mas-servizz komplementari kellha ssir min-notifika tad-deċiżjoni kkontestata lir-Repubblika Franċiża, jiġifieri fit-3 ta' Mejju 2013, kif jitlob l-Artikolu 3(4) tagħha. Kif tosserva l-Kummissjoni, ma hemm l-ebda indikazzjoni, u lanqas xi allegazzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi li l-ħlasijiet għas-servizz komplementari previsti bejn it-3 ta' Mejju 2013 u t-23 ta' Lulju 2013 kienu ġew sospiżi jew annullati. Lanqas ma kien sar riferiment għal xi rkupru mill-awtoritajiet Franċiżi ta' ammonti li kienu tħallsu matul dan il-perijodu.

113. Konsegwentement, peress li ma annullatx, fit-termini preskritti, il-ħlasijiet ta' għajnuna msemmija fl-Artikolu 2(1), ir-Repubblika Franċiża naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 3(4) tad-deċiżjoni kkontestata.

C – *Fuq it-tielet ilment ibbażat fuq in-nuqqas li tinforma lill-Kummissjoni*

114. Kif ir-Repubblika Franċiża ma ħaditx, fit-termini preskritti, il-miżuri meħtieġa sabiex tannulla l-ħlas tal-għajnuna diġà mħallsa, hija naqset ukoll mill-obbligu tagħha li tinforma lill-Kummissjoni dwar miżuri meħuda fix-xahrejn ta' wara n-notifika tad-deċiżjoni kkontestata, kif mitluba tagħmel mill-Artikolu 5 tad-deċiżjoni kkontestata.

115. Din il-konstatazzjoni hija msaħħa bil-fatt li r-Repubblika Franċiża naqset ukoll milli tirrispondi għall-osservazzjonijiet u għat-talbiet ta' kjarifika li l-Kummissjoni kienet għamlitilha wara n-nuqqas ta' kommunikazzjoni mill-awtoritajiet Franċiżi.

116. Bħala eżempju, ser insemmi, l-ittra tal-Kummissjoni lir-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika Franċiża fi ħdan l-Unjoni Ewropea, tal-20 ta' Settembru 2013, li permezz tagħha hija lmentat li l-osservazzjonijiet u t-talbiet ta' kjarifika tagħha "ma [kinux] twieġbu" u li "wara […] termini differenti preskritti mid-[deċiżjoni kkontestata], l-awtoritajiet Franċiżi ma [kienu] bagħtu lid-dipartimenti tal-Kummissjoni *l-ebda dokument* sabiex jinformawhom dwar l-implementazzjoni tal-imsemmija [d]eċiżjoni" [50]. L-awtoritajiet Franċiżi rrispondew għal din l-ittra ta' tfakkira xahrejn tard permezz ta' messaġġ elettroniku tagħhom tad-29 ta' Novembru 2013.

VI – **Fuq l-ispejjeż**

117. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

118. F'dan il-każ, il-Kummissjoni talbet għall-kundanna tar-Repubblika Franċiża u fl-opinjoni tiegħi din għandha titlef il-kawża. Għalhekk hemm lok li din tal-aħħar tiġi kkundannata għall-ispejjeż kollha.

VII – **Konklużjoni**

119. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi kif ġej:

1) Peress illi ma ħaditx, fit-termini preskritti, il-miżuri kollha meħtieġa sabiex tirkupra mingħand Société nationale maritime Corse-Méditerranée (SNCM) SA l-għajnuna mill-Istat iddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq intern permezz tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/435/UE, tat-2 ta' Mejju 2013, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.22843 (2012/C) (ex 2012/NN) implimentata minn Franza favur is-Société Nationale Corse Méditerranée u l-Compagnie Méridionale de Navigation, peress illi ma annullatx, fit-termini preskritti, il-ħlasijiet tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2(1), u peress li ma informatx

50 — Enfasi miżjuda minni.

lill-Kummissjoni Ewropea, fit-terminu mogħti, bil-miżuri meħuda sabiex tikkonforma ruħha ma' din id-deċiżjoni, ir-Repubblika Franċiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE u l-Artikoli 3 sa 5 tal-imsemmija deċiżjoni.

2) Ir-Repubblika Franċiża hija kkundannata għall-ispejjeż.